MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 382/2012

**Appell Nru: 382/2012**
**Il-Pulizija**
**Vs**
**Peter Paul Azzopardi**

Illum 17 ta’ Jannar, 2013
Il-Qorti,
Rat l-akkuza migjuba kontra l-appellant Peter Paul Azzopardi, [detentur tal-karta tal-identita` numru 627181(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli :
Fid-19 ta’ Novembru, 2011, ghal habta tal- 05 :30hrs fi Triq il-Kbira, San Giljan :

(1) Saq jew ipprova jsuq jew kellhu fil-kontroll teighu vettura Nru. FQZ-552 fit-triq jew f’post pubbliku meta ma kienx f’kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi ;
(2) W’aktar gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta’ tas-Sliema, rrifjuta jew naqas li jghati kampjun tan-nifs meta kien mitlub li jghamel hekk skond il-ligi.

Il-prosekuzjoni talbet li l-imsemmi Peter Paul Azzopardi jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Lulju, 2012 fejn wara li rat l-artikoli 15A u 15E tal-Kap 65, illiberat lill-imputat mit-tieni (2) akkuza u sabet l-imputat hati fuq l-ewwel (1) akkuza u kkundannatu ghal hlas ta' multa ta' elf u mitejn ewro (€1200) u issospendietlu l-licenzja tas-sewqan ghall-zmien sitt (6) xhur millum.

Rat ir-rikors tal-appellant Peter Paul Azzopardi pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-27 ta' Lulju, 2012 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza msemmija u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull htija u dan skond dawk il-provedimenti li l-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant, esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Illi l-aggravju tal-appellant li in succint huwa is-segwenti :

1. Illi l-ewwel aggravju tal-esponent jikkonsisti filli l-Qorti inferjuri fl-apprezzament tac-cirkostanzi kollha quddiemha ddecidiet korrettement li l-apparat analitiku (breathalyser) ma kienx funzjonanti u kwindi illiberat lill-imputat mit-tieni akkuza, izda ma qiesitx in partikolari l-fattispecie partikolari tal-kaz u s-stiwazzjoni b'mod li abbinat l-istat allegat konfuzjonali mar-rieha ta' xorb u ddecidiet li kien hemm dak l-impairment jew nuqqas ta' kapacita li jsuq indikata fis-subartikolu 2 tal-artikolu 15A tal-Kap 65.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi fid-19 ta' Novembru, 2011 l-appellant kien qieghed isurq il-karozza FQZ 552 f'Main Street, San Giljan u baqa' diehel bil-mod fil-vettura pparkjata bin-numru GAK 932. Gew il-pulizija fuq il-post u setghu jinnutaw riha ta' qawwija ta' xorb alkoholiku. L-appellant accetta illi jmur l-ghassa halli ssir il-"breathalyser test" pero' hemm hekk, moghti dan it-test, l-appellant ma bediex jonfoh bizzejjed b'tali mod li r-rizultat kien

inkonklussiv. Tressaq il-Qorti biex iwiegeb ghal dawn l-akkuzi u b'Sentenza tas-17 ta' Lulju, 2012 il-Qorti tal-Magistrati lliberatu mit-tieni akkuza izda sabitu hati mill-ewwel akkuza u kkundannatu kif inghad.

L-appellant hassu agravat minn din is-Sentenza u appella lil din il-Qorti fejn ilmenta illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi, ma kienx hemm provi bizzejjed sabiex tasal ghall-konkluzjoni illi l-appellant kien qieghed isuq taht l-influwenza ta' l-alcohol. Veru illi kien ecitat u b'daqshekk ma jfissirx pero' illi kien taht l-influwenza tax-xorb. Dak il-hin l-appellant kien qed isuq karozza li ma kienetx tieghu u kellu jinfaccja lis-sid b'din il-hsara li giet ikkawzata. Dan abbinat mat-tragitt lejn l-ghassa ta' San Giljan u wara lejn l-ghassa ta' tas-Sliema komplew nisslu fl-appellant dik il-biza' li giet manifestata f'ecitament illi giet interpretata mill-pulizija bhala stat konfuzjonarju minhabba x-xorb li kellu.

Ikkunsidrat.

Il-Qorti ma taqbel xejn ma dan l-argument u toqghod fuq l-affidavit maghmula minn PS 1187, PC 446 u fuq kollox PS 157 Brian Mifsud. Dawn il-pulizija kollha xehdu illi l-appellant kellu riha qawwija ta' xorb meta avvicinawh. Brian Mifsud ikompli jghid li wkoll l-imgieba tieghu kienet suspetta fejn deher konfuz hafna u anke jhawwad il-kliem. Minkejja li l-appellant accetta illi jaghmel il-"breathalyser test" dana ma bediex jaghmlu sew minkejja l-istruzzjonijiet illi kienu qeghdin jaghtuh il-pulizija u ghalhekk dan it-test kien wiehed inkonklussiv. L-appellant qieghed jghid illi la darba t-test kien inkonlussiv ma hemm l-ebda prova illi kien qed isuq taht l-influwenza tax-xorb. Din il-Qorti ma taqbilx. It-test tekniku gie ntrodott fil-Ligi taghna sabiex jghin lill-pulizija fil-konsiderazzjonijiet u konkluzjnijiet taghhom dwar l-istat ta' ebrijezza ta' persuna, pero' zgur, meta persuna tkun f'dak l-istat tant manifest, il-pulizija m'ghandhiex bzonn "breathalyser test" biex tinduna illi persuna tkun fis-sakra u ma jmissiex tkun wara l-"isteering wheel" ta' karozza. It-test xjentifiku jiehu il-portata tieghu meta jkun hemm "borderline case" fejn persuna jkollha riha ta' xorb pero' b'dan kollu tkun qed treggi x-xorb sew u

ma jkunx hemm indikazzjonijiet ohra illi tkun qieghda taht l-influwenza tax-xorb.

Dan il-kaz huwa differenti. Il-pulizija setghu jindunaw minghajr il-“breathalyser test” illi l-appellant kien taht l-influwenza tax-xorb. Anke l-incident fih innifsu jaghti dik l-indikazzjoni. Veru illi Main Street, San Giljan hija triq dejqa u dina tkompli tidjieq bil-karozzi li jkun hemm ipparkjati fil-genb.  Pero’ b’daqshekk ma jfissirx illi kull karozza li tghaddi minn dik it-triq bilfors se tispicca fuq karozza ohra pparkjata.  Il-hsara fuq il-vettura l-ohra pparkjata GAK 932 ma kienetx kbira u PS 1187 jghid illi l-appellant baqa’ diehel bil-mod fuq din il-vettura. Dana jindika b’mod car illi l-appellant kellu r-riflessi tieghu kompromessi biex anki b’sewqan bil-mod ma setax jevita illi jibqa’ diehel f’vettura pparkjata.  Dan abbinat mal-fatt illi l-appellant kellu riha qawwija ta’ xorb alkoholiku,  kellu mgieba stramba u konfuza u anke jhawwad il-kliem huma provi cirkostanzjali li jwasslu lill-Qorti ghall-konkluzjoni wahda u cioe’ illi l-appellant kien verament qed isuq taht l-influwenza tax-xorb u l-ewwel Qorti kellha ragun biex issib htija.
Il-principju stabbilit fil-gurispurdenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali hu li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevalment u legalment tasal ghall- konkluzjoni illi waslet ghaliha.  Din il-Qorti ghamlet dan l-apprezzament u ssib illi l-ewwel Qorti kienet ragonevoli fil-konkluzjoni taghha u ghalhekk mhux il-kaz illi d-deskrizzjoni ta’ l-ewwel Qorti tigi disturbata.

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti taqta’ u ddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------